Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9590 — Oaktree/RAFI)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 395/08)

1. Fil-15 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Oaktree Capital Group, LLC ("Oaktree", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— RAFI GmbH & Co. KG ("RAFI", il-Ġermanja).

Oaktree takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet, il-kontroll ta' RAFI.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Oaktree: il-kumpanija ta' ġestjoni tal-investiment iffokata fuq il-kreditu korporattiv, l-ekwità privata, il-proprjetà immobbli u l-ekwità kkwotata fil-Borża. L-investimenti ta' Oaktree huma marbuta ma' diversi industriji bħalma huma l-produzzjoni, il-kura tas-saħħa, it-tessuti, l-ivvjaġġar, il-minjieri u l-media. Oaktree hija kkontrolla bi sħab minn Oaktree Capital Group Holdings, L.P. u Brookfield Asset Management Inc.;

— RAFI: żviluppatur u manifattur ta' komponenti elettroniċi u soluzzjonijiet interfaċċja bejn il-bniedem u l-magni kif ukoll fornitur ta' servizzi ta' manifattura elettronika.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi partijiet interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9590 — Oaktree/RAFI

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks+32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.